Minuti tal-Laqgħa Nru. 26 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 27 ta' Mejju 2009 fl-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Dr. Frank Psaila<br>Is-Sinjur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Lucia Massa |
| **L-Uffiċjali:**<br>Is-Segretarju Eżek. | <br>Is-Sur Michael Borg |
| **Skużat:** | Is-Sur Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M. |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. *Premises* tal-Kunsill
5. SkolaSajf 2009
6. Ħlasijiet

**1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 25 li, peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni tal-Viċi Sindku Joseph Scicluna ssekondata mill-Kunsillier Victor Caruana.

**2. REFERENZI GĦALL-MINUTI**

2.1 Riferenzi għall-Minuti ma kienx hemm.

**3. KORRISPONDENZA**

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza kollha li daħlet sas-27 ta' Mejju 2009, fosthom;

a) Ittra mill-Kappillan dwar iż-żjara pastorali ta' l-Arċisqof Mons. Pawlu Cremona F'Ħal Luqa;

b) Ittra mill-Kumitat Konġunt *Southern Harbour District* dwar l-estensjoni tal-kuntratt ta' manutenzjoni tad-dawl tat-toroq;

c) Ittra mill-ATD li tapprova li ssir Alighting/Boarding Bay quddiem l-Iskola St. Francis fi Triq il-Papa Innocenzju;

d) Memo 32/2009 mid-DGL li jfakkar dwar l-użu tar-Riżorsi kollha tal-Kunsill u li ma jsir ebda użu minn xi assi tal-Kunsill għal skop ta' xogħol/propaganda konnessi ma' l-Elezzjoni, inkluż kull pubblikazzjoni jew komunikazzjoni maħruġa bil-fondi tal-Kunsill Lokali;

e) E-mail mill-Fondazzjoni Temi Zammit (FTZ) li tistieden lill-Kunsill għal laqgħa ta' diskussjoni dwar l-immigrazzjoni;

- Ġiet innotata wkoll il-korrispondenza kollha tal-MEPA li daħlet sas-27 ta' Mejju 2009.

**4. *PREMISES* TAL-KUNSILL**

4.1 Is-Sindku ta rendikont ta' fejn wasal s'issa dan il-proċess u, fost affarijiet oħra, qal li huwa ta' għajb li sallum il-Kurja ma weġbitx għall-ittri tal-Kunsill dwar il-possibilita' ta' użu ta' sala taċ-Ċentru Parrokkjali mill-anzjani li preżentament jattendu d-*Day Centre* ta' Triq il-Ġdida. Qal ukoll li laqgħa li kellha ssir nhar it-Tlieta, 26 ta' Mejju 2009 dwar is-suġġett ġiet posposta għall-Erbgħa, 3 ta' Ġunju 2009 fin-nofs siegħa ġewwa Kastilja.

4.2 F'dan l-istadju s-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-bidu tal-laqgħa ġie ppreżentat b'mozzjoni mis-Sur Victor Caruana, issekondata minn Dr. Frank Psaila, propju dwar id-*Day Centre*.

4.3 Is-Sindku qal li din il-mozzjoni hija premature u li ma kienx se jressaqha għad-diskussjoni. Qal ukoll li din titressaq fil-laqgħa li jmiss wara li jkun magħruf l-eżitu tal-laqgħa li se ssir ma l-Onor. Dr. Chris Said nhar l-Erbgħa, 3 ta' Ġunju 2009.

**5. SKOLASAJF 2009**

5.1 Dwar dan is-suġġett is-Sindku qal li kull meta din l-attivita' ġiet organiżżata dejjem kienet suċċess. Żied igħid li inkoraġġut minn dan is-suċċess, kien qiegħed jipproponi li Skolasajf anke din is-sena tiġi organiżżata għal tfal ta' bejn 5 u 7 snin.

5.2 Il-proposta tas-Sindku ġiet issekondata mis-Sinjura Luċia Massa u eventwalment ġiet approvata unanimament.

- F'dan l-istadju s-Sur Victor Caruana talab sabiex kull xahar jingħata lista taċ-ċitazzjonijiet li jingħataw bis-CCTV Camera li hemm fi Triq Dun Pawl u ċ-ċitazzjonijiet tas-CCTV camera li jitħallsu kull xahar.

- B'reazzjoni għat-talba tas-Sur Caruana, is-Sindku qal li l-ammont ta' ċitazzjonijiet li Jinħarġu jista' jingħata, iżda mhux informazzjoni oħra (bħalma huma l-ismijiet u l-indirizzi minħabba d-Data Protection Act. Rigward il-ħlasijiet li jsiru għall-istess ċitazzjonijiet is-Sindku qal li dan huwa mpossibbli għax iċ-ċitazzjonijiet ma jitħallsux meta jinħarġu. Dawn idumu ma jitħallsu u jkun diffiċli li tkun taf kemm tħallsu minnhom. Speċjalment meta dawn fitħallsu f'Kunsilli oħra għax dawn jistgħu jitħallsu kullimkien. Jistgħu jitħallsu online u anke jistgħu jappellaw quddiem il-Board of Petitions.

- Is-Sur Joe Camilleri qal li ġie avviċinat mill-Kumitat tal-Klabb tal-Boċċi u talbuh iressaq talba lill-Kunsill biex isir il-*fence* li jdawwar l-istess pitch tal-boċċi. Hawnhekk is-Sindku wieġeb li l-ewwel issir ittra mill-Kumitat dwar din it-talba u wara tinġieb stima.

**6. Ħlasijiet**

6.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sas-27 ta' Mejju 2009 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fis-6.15 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa u aġġorna għal nhar il-Ħamis, 18 ta' Ġunju 2009 fil-5.30 p.m.

➢ Konfermati llum 18 ta' Ġunju 2009.

John Schembri
Sindku

Michael Borg
Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Luqa
49, Triq San Pawl
LUQA